



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2014
COM(2014) 639 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea Mikrofinanzjament Progress — 2013

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	3
2.	IMPLIMENTAZZJONI PERMEZZ TAL-FORNITURI TA' MIKORKREDITU	3
2.1.	Il-kuntratti konklużi	4
2.2.	L-azzjonijiet iffinanzjati	5
2.3.	L-applikazzjonijiet iffinanzjati u rifjutati	8
3.	IMPLIMENTAZZJONI FIL-LIVELL TAL-MIKROMUTWATARJI	9
3.1.	Il-volumi tal-mikroself u l-għadd ta' benefiċjarji finali	9
3.2.	L-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjiegi tal-Mikrofinanzjament Progress	9
3.2.1.	L-ilħiq ta' gruppi żvantaġġati	9
3.2.2.	Ammonti żgħar li jagħmlu impatt kbir	10
3.3.	Id-distribuzzjoni settorjali u reġjonali tal-intraprendituri u l-mikrointrapriżi appoġġjati	11
4.	IL-KOMPLEMENTARJETÀ U L-KOORDINAZZJONI MA' STRUMENTI OĦRAJN TAL-UNJONI EWROPEA	12
5.	KONKLUŻJONIJIET U PROSPETTI	12

1. INTRODUZZJONI

Fl-2013, il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali ('Mikrofinanzjament Progress') daħlet fit-tieni nofs tal-perjodu ta' investiment tagħha. Mibdija fl-2010 mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni'), il-Mikrofinanzjament Progress se tkompli toffri l-prodotti tagħha lill-fornituri ta' mikrokreditu biex ikun possibbli titjib fl-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' mikrofinanzjament fl-Unjoni Ewropea (UE) sa mhux aktar tard minn April tal-2016.

Il-Mikrofinanzjament Progress ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ('id-Deċiżjoni') biex tappoġġja l-mikrofinanzjament permezz ta' firxa wiesgħa ta' strumenti, b'mod partikolari, garanziji u strumenti ffinanzjati. Minbarra l-finanzjament ta' EUR 105 miljun mill-UE, tibbenefika wkoll minn EUR 100 miljun addizzjonali mogħtija mill-Bank Ewropew tal-Investiment¹. Il-Mikrofinanzjament Progress tikkonsisti minn żewġ partijiet: waħda tipprowdi l-garanziji lill-intermedjarji tal-mikrofinanzjament (MFIs), u l-oħra tipprowdi investimenti ffinanzjati lill-MFIs, bħalma huma self u ekwità. Iż-żewġ partijiet huma ġestiti mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Dan ir-rapport se janalizza l-attivitajiet u l-iżviluppi fil-Mikrofinanzjament Progress fl-2013. Il-biċċa l-kbira tad-dejta f'dan ir-rapport hija mogħtija mit-30 ta' Settembru 2013, u meta disponibbli intużat dejta aktar aġġornata. B'riżultat ta' dan, il-maġġoranza tal-iżviluppi mill-2013 jirreferu għall-perjodu bejn-1 ta' Ottubru 2012 u t-30 ta' Settembru 2013. Dawn huma kkumplimentati b'informazzjoni mill-'istudju dwar l-imperfezzjonijiet fil-qasam tal-mikrofinanzjament u b'possibilitajiet biex dawn jiġu indirizzati permezz ta' strument finanzjarju tal-UE' ('l-Istudju')² u evalwazzjoni interim kontinwa tal-Mikrofinanzjament Progress ('l-evalwazzjoni interim')³ prodotta għall-Kummissjoni.

L-istruttura tar-rapport issegwi r-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni, ir-rapport jibda b'informazzjoni dwar l-ilħiq tal-intermedjarji u l-benefiċjarji finali. Imbagħad, ir-rapport iħares lejn l-impatt soċjali tal-Mikrofinanzjament Progress u l-kumplimentarjetà tiegħu ma' strumenti oħrajn tal-UE. Il-prospetti għall-futur huma deskritti fit-tmiem tar-rapport, li jinkludi opinjonijiet dwar l-istrument finanzjarju suċċessur fil-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI),⁴ li l-implimentazzjoni tiegħu se tibda fit-tieni semestru tal-2014.

2. L-IMPLIMENTAZZJONI PERMEZZ TAL-FORNITURI TA' MIKORKREDITU

Il-fornituri ta' mikrokreditu (jiġifieri entitajiet pubbliċi u privati, fosthom banek u istituzzjonijiet mhux bankarji) għandhom rwol kruċjali fl-ilħiq tal-mira tal-Mikrofinanzjament Progress li jiġu żborżati EUR 5000 miljun⁵ permezz ta' 46 000 mikrosself lil benefiċjarji finali. Iż-żieda minn 26 fornitur ta' mikrokreditu fl-2012 għal 40 fornitur⁶ fl-2013 fost

¹ Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-finanzjament, il-prodotti u l-ġestjoni tal-Mikrofinanzjament Progress, jekk jogħġbok irreferi għar-rapport annwali tal-2010: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52011DC0195>.

² Imwettqa minn Evers & Jung: <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=12485&langId=en>.

³ Imwettqa minn Ramboll Management Consulting (kontinwa).

⁴ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:347:0238:0252:EN:PDF>

⁵ Dan jinkludi koinvestment mis-settur privat u flussi mill-ġdid; ara wkoll it-taqsim 2.2 hawn taħt.

⁶ Għal lista aġġornata ta' intermedjarji, ara <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=983&langId=en>.

54 operazzjoni, u ż-żieda fil-kopertura ġeografika jirrappreżentaw pass importanti lejn l-ilħiq ta' din il-mira.

2.1. Il-kuntratti konklużi

It-tipi ta' intermedjarji

Kif spjegat hawn taħt, it-tqassim tal-fornituri ta' mikrokreditu huwa b'bilanċjat, bi 18-il istituzzjoni mhux bankarja u b'20 bank. Barra minn hekk, hemm żewġ istituzzjonijiet pubbliċi. Il-fornituri li ffirmaw kuntratti wara li ħareġ ir-rapport annwali tal-2012 huma indikati b'tipa grassa:

18-il istituzzjoni mhux bankarja: Microstart, Crédal (BE), Jobs MFI, Mikrofond (BG), **Vækstfonden** (DK), Microfinance Ireland (IE), Créa-Sol, Adie, **Initiative France** (FR), SEFEA⁷ (IT), Qredits (NL), Inicjatywa Mikro (PL), FAER, Patria Credit (RO), **SKB Leasing** (SI), **Fair Finance**, **Ezbob**, **GLE** (UK).

20 bank: Societé Generale Expressbank (BG), Pancretan Cooperative Bank, **Cooperative Bank of Peloponnese** (EL), **Caja Rurales Unidas**, **Colonya Caixa Pollenca**, **Laboral Kutxa** (ES), BCC Mediocrati, BCC Emilbanca, Banca Popolare di Milano, **BCC Bellegra** (IT), Cooperative Central Bank (CY), Siauliu Bankas (LT), Erste Bank (AT), FM Bank (PL), Millenium BCP, Banco Espírito Santo (PT), Banca Transilvania (RO), Sberbank banka, **Banka Koper** (SI), **OTP banka** (SK).

2 istituzzjonijiet pubbliċi: ICREF⁸ (ES), **Finmolise** (IT).

L-attività tal-fornituri ta' mikrokreditu fl-Istati Membri

Fl-2013, ġew iffirmati 25 kuntratt ġdid, inklużi 15 ma' fornituri ta' mikrokreditu li ma kinux irċewew appoġġ preċedenti mill-Mikrofinanzjament Progress. Ħamsa minn dawn il-kuntratti ġew konklużi ma' intermedjarji minn Stati Membri fejn ma kienx intuża appoġġ preċedenti mill-Mikrofinanzjament Progress: id-Danimarka, is-Slovakkja u r-Renju Unit (li jinvolvu tliet intermedjarji). Barra minn hekk, huwa mistenni li fl-2014 jitlestew żewġ kuntratti f'pajjiżi li attwalment mhumiex koperti mill-Mikrofinanzjament Progress (l-Isvezja u l-Kroazja), dan iwassal għal kopertura totali ta' 20 Stat Membru.

Id-distribuzzjoni ġeografika tal-Mikrofinanzjament Progress fil-31 ta' Marzu 2014

⁷ Organizzazzjoni umbrella ta' diversi fornituri tal-mikrokreditu.

⁸ Organizzazzjoni umbrella ta' diversi fornituri tal-mikrokreditu.



2.2. *L-azzjonijiet iffinanzjati*

Il-garanziji

Il-programm għall-forniment tal-garanziji kien suċċess kbir fl-2013, u jkompli jattira ħafna interess. L-għadd ta' intermedjarji appoġġati minn garanzija żdied minn 12 fl-2012 għal 27 fl-aħħar tal-2013. Peress li attwalment hemm ippjanati aktar kuntratti ta' garanzija, huwa probabbli li l-baġit globali tal-garanziji ta' EUR 23.8 miljun (mingħajr it-tariffi meħuda mill-FEI) mogħti mill-UE se jintuża kollu sal-aħħar tal-2014.

L-istrumenti ffinanzjati

Hemm għadd ta' strumenti ffinanzjati differenti disponibbli⁹, iżda fl-2013 intuża biss self superjuri. B'kollox, saru disa' selfiet superjuri lil intermedjarji eżistenti jew ġodda. Dan it-tip ta' strument huwa bil-wisq l-aktar popolari fost l-intermedjarji, peress li huwa inqas kumpless minn strumenti oħra. Minħabba l-perjodu ta' investiment meħtieġ għall-investimenti ta' ekwità, minn April 2014 l-FEI ma baqax joffri dan l-istrument iffinanzjat partikolari. Madankollu, il-programm EaSI l-ġdid (ara t-taqsimha 5) għandu l-għan speċifiku li jibni l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri ta' mikrokreditu. F'dan il-programm, investimenti tip l-ekwità se jkollhom rwol sinifikanti fl-ilħiq ta' dan l-għan.

Ħarsa ġenerali lejn l-operazzjonijiet tal-Mikrofinanzjament Progress mill-31 ta' Diċembru 2013

It-tabella hawn taħt turi li xi intermedjarji jirċievu kemm garanzija kif ukoll self. Ta' min jinnota, madankollu, li dawn iż-żewġ strumenti dejjem ikopru portafolji differenti, jiġifieri garanzija tal-Mikrofinanzjament Progress ma tistax tintuża biex tkopri mikroself iffinanzjat minn self mill-Mikrofinanzjament Progress. It-tabella turi wkoll li xi intermedjarji kienu kapaċi jirċievu l-istess tip ta' appoġġ bosta drabi. Dan seta' seħħ minħabba li mrexxielhom jiżborżaw għadd suffiċjenti ta' mikroselfiet biex ikunu jistgħu japplikaw għal appoġġ ġdid (eż. Microstart) jew minħabba li l-istess strument intuża biex jipprovdi mikroself lil klijenti

⁹ Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-prodotti tal-Mikrofinanzjament Progress irreferi għar-rapport annwali tal-2010.

b'karatteristiċi differenti u għalhekk l-istess strument ikopri portafolji differenti (eż. it-tieni u t-tielet garanzija għall-FM Bank). L-impenji ta' self lill-FAER u lil Inicjatywa Mikro żdiedu bħala riżultat tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-Mikrofinanzjament Progress. L-Adie rċeviet ukoll self kbir, minbarra l-ftehim ta' garanzija li ffirmat fl-aħħar tal-2012.

Tabella 1: L-Operazzjonijiet tal-Mikrofinanzjament Progress mill-31 ta' Diċembru 2013 (L-operazzjonijiet ġodda qed jintwerew b'tipa grassa)

L-Istat Membru	L-Intermedjarju	L-Istrument	L-appoġġ lill-intermedjarju (EUR)
BE	Microstart	Garanzija	100 000
		Garanzija	200 000
BE	Crédal Société Coopérative	Garanzija	300 000
BG	JOBS MFI	Self Superjuri	6 000 000
		Garanzija	200 000
BG	Mikrofond	Self Superjuri	3 000 000
BG	Société Generale Expressbank	Self Superjuri	8 500 000
DK	Vækstfonden	Garanzija	200 000
IE	Microfinance Ireland	Garanzija	1 400 000
	(First Step)	Garanzija	100 000
EL	Pancretan Cooperative Bank	Garanzija	900 000
EL	Cooperative Bank of Peloponnese	Self Superjuri	4 000 000
ES	ICREF	Self Superjuri	4 000 000
ES	Caja Rurales Unidas	Self Superjuri	8 000 000
ES	Colonya Caixa Pollenca	Garanzija	300 000
ES	Laboral Kutxa	Garanzija	800 000
FR	Créa-Sol	Self Superjuri	1 000 000

		Self Superjuri	1 000 000
FR	Adie	Garanzija	2 300 000
		Self Superjuri	5 000 000
FR	Initiative France	Garanzija	500 000
IT	SEFEA	Self Superjuri	2 000 000
IT	BCC Mediocrati	Self Superjuri	3 000 000
IT	BCC Emilbanca	Self Superjuri	2 000 000
IT	Banca Popolare di Milano	Self Kondivizjoni Riskji ta' tar-	4 000 000
IT	BCC Bellegra	Self Superjuri	1 300 000
IT	Finmolise	Self Superjuri	1 000 000
CY	Cooperative Central Bank	Self Superjuri	4 000 000
LT	Siauliu Bankas	Self Superjuri	5 000 000
NL	Qredits	Garanzija	1 300 000
		Garanzija	1 700 000
AT	Erste Bank	Garanzija	500 000
PL	Inicjatywa Mikro	Self Superjuri	3 900 000
		Self Superjuri	3 200 000
PL	FM Bank	Garanzija	800 000
		Garanzija	1 300 000
		Garanzija	900 000
PT	Millenium bcp	Garanzija	300 000
		Garanzija	500 000
PT	Banco Espírito Santo	Self Superjuri	8 800 000
RO	FAER	Self Superjuri	1 000 000

		Self Superjuri	1 000 000
RO	Patria Credit	Garanzija	1 000 000
		Self Superjuri	8 000 000
RO	Banca Transilvania	Self Superjuri	7 500 000
		Garanzija	1 700 000
SI	Sberbank banka	Self Subordinat	8 800 000
SI	Banka Koper	Garanzija	600 000
SI	SKB Leasing	Self Superjuri	9 000 000
SK	OTP banka	Garanzija	1 300 000
UK	Fair Finance	Garanzija	200 000
UK	EZBOB	Garanzija	400 000
UK	GLE	Garanzija	900 000
18 MS	40 fornituri ta' mikrokreditu	54 kuntratt	134 700 000*

* Fil-każ ta' kuntratti ta' self, il-kontribuzzjoni tal-BEI hija inkluża

Il-volumi finanzjarji

L-impenn totali lill-fornituri ta' mikrokreditu jammonta għal EUR 134.7 miljun (li jinkludi garanziji, fejn l-ammont massimu totali huwa ta' EUR 20.7 miljun), u l-iżborżament totali ta' strumenti ffinanzjati huwa ta' EUR 60.17 miljun. Dan huwa dovut għall-fatt li żborżament ma jseħx immedjatament wara l-iffirmar ta' kuntratt u jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti akkont, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. B'mod ġenerali, il-fornituri li mhumiex banek talbu l-iżborżament aktar malajr mill-banek.

Fil-każ tal-garanziji, is-sitwazzjoni hija differenti, parzjalment minħabba n-natura ta' dan il-prodott. Il-garanziji ma jiġux żborżati bħall-investimenti ffinanzjati. Jistgħu jissejħu fil-każ ta' inadempjenza, u dawn ikopru biss parti minn portafoll ta' fornitur ta' mikrokreditu. Għal raġunijiet simili għal dawk tas-sena ta' qabel,¹⁰ l-ammont nett ta' garanziji msejħa huwa ta' EUR 1.34 miljun, li huwa relattivament baxx, l-FM Bank u Qredits sejħu kważi 90 % ta' dan l-ammont. L-ammont nett ta' garanziji msejħa huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti maż-żmien. Sat-tmiem ta' Marzu 2014, dan kien żdied għal EUR 2.11-il miljun.

L-ingranaġġ li nkiseb

¹⁰ Ara r-rapport annwali tal-2012: <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=10430&langId=en>.

L-ingranaġġ jispjega kif il-mira ta' EUR 500 miljun f' mikroselġ tista' tinkiseb b'finanzjament inizjali ta' EUR 100 miljun mill-UE¹¹. Bis-saħħa tal-koinvestiment tal-BEI, intlaħaq ingranaġġ ta' madwar tnejn, u dan jerġa' jiżdied bl-ingranaġġ li nħoloq fil-livell tal-fornituri tal-mikrokreditu. L-ogħla ingranaġġ jiġi pprovdut mill-garanziji. L-istrument l-ieħor li jintuża l-aktar huwa s-selġ superjuri. Għal dan it-tip partikolari ta' finanzjament, huwa diffiċli li l-finanzjament oriġinali jiġi ingranat, peress li xi drabi l-intermedjarju sempliċiment jislef l-ammont tal-fondi mislufa mill-Mikrofinanzjament Progress. Madankollu, anki fil-każ ta' selġ superjuri, xi intermedjarji talbu ingranaġġ ta' 1.5 jew 2 u, eċċezzjonalment, l-ingranaġġ ġie stabbilit f'5. Skont l-aħħar projezzjonijiet tal-FEI, il-Mikrofinanzjament Progress se jikseb l-ingranaġġ fil-mira ta' 5, minkejja l-prevalenza ta' selġ superjuri fost l-istrumenti ffinanzjati. Dan huwa prinċipalment dovut għall-ingranaġġ ogħla milli previst ta' ftehimiet ta' garanzija.

2.3. L-applikazzjonijiet iffinanzjati u rifjutati

Diversi applikanti ma rnexxilhomx ilestu l-proċedura ta' applikazzjoni u jirċievu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (għall-garanziji) għall-Mikrofinanzjament Progress. Madankollu, bħal fi snin preċedenti, mhux probabbli li jseħħ rifjut formali fil-livell tal-bord tal-FEI, fejn jiġu ppreżentati biss applikazzjonijiet skrinjati bir-reqqa. L-evalwazzjoni interim se tanalizza b'aktar dettall għala ċerti applikazzjonijiet ma tlestewx.

3. L-IMPLIMPENTAZZJONI FIL-LIVELL TAL-MIKROMUTWATARJI

L-aħħar projezzjonijiet jindikaw li sal-31 ta' Marzu 2014 aktar minn 20 000 benefiċjarju finali rċevew mikroselġ li jammonta għal EUR 182 miljun. Dan jirrappreżenta żieda qawwija, iżda għad hemm distakk sinifikanti fis-suq li jrid jimtela. L-Istudju jistma li l-interess totali li ma ġie issodisat fil-livell tal-benefiċjarji finali fl-Ewropa huwa ta' EUR 2.7 biljun.

3.1. Il-volumi tal-mikroselġ u l-għadd ta' benefiċjarji finali

Fid-data tar-rappurtar, kien hemm 12 690 benefiċjarju finali, li xi wħud minnhom kienu bbenefikaw minn aktar minn mikroselġ wieħed. B'mod aktar preċiż, 5 942 klijent ibbenefikaw minn 6 236 mikroselġ, b'valur ta' EUR 51.6 miljun, mgħoddija b'selġ minn fornituri ta' mikrokreditu, bis-saħħa tal-istrumenti ffinanzjati. Il-garanziji ppermettew li l-intermedjarji joffru 7 016-il mikroselġ, li jammontaw għal EUR 69.3 miljun, lil 6 748 mikromutwatarju.

Madankollu, mhux kull intraprenditur li jibgħat applikazzjoni għal mikroselġ jirnexxilu jieħdu. Permezz tal-użu ta' rata indikatur tar-rifjut, huwa stmat li kważi 2000 applikazzjoni għal selġ appoġġjati minn strumenti ffinanzjati ġew miċħuda.

3.2. L-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjeggi tal-Mikrofinanzjament Progress

Huwa ċar mill-għanijiet tal-Mikrofinanzjament Progress, kif stabbilit fid-Deċiżjoni, li l-ilħiq ta' gruppi żvantaġġati se jkun kruċjali.

3.2.1. L-ilħiq ta' gruppi żvantaġġati

Kull sena tinġabar id-dejta dwar l-impatt soċjali tal-Mikrofinanzjament Progress fil-livell tal-mikromutwatarji, u tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni. Skont l-evalwazzjoni interim, il-ħtieġa li dawn il-valuri jiġu rrapportati ma timponix piż sinifikanti fuq il-fornituri ta' mikrokreditu.

¹¹ B'kollox, ġew allokati EUR 104.2 miljuni għall-Mikrofinanzjament Progress, inkluż EUR 3 miljuni minn Azzjoni Preparatorja tal-Parlament Ewropew li ġew allokati fl-2010.

Tista' tkun ta' sfida akbar għal dawk li s-sistemi tagħhom għadhom jiddependu ħafna fuq il-karta. Għalhekk, konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar soċjali jista' jkollha effett pożittiv fuq l-amministrazzjoni ġenerali tal-fornitur tal-mikrokreditu. Madanakollu, id-dejta ppreżentata hawn taħt ma tqisx il-benefiċjarji finali kollha, peress li din id-dejta mhijiex disponibbli għalihom kollha.

Il-ħolqien ta' impjiegi permezz ta' impjiegi indipendenti u negozji li jiftħu ġodda

Ta' spiss, l-intraprenditorija titqies bħala alternattiva vijabbli għal xogħol b'salarju u tista' tkun għodda b'saħħitha għall-ġlieda kontra l-qgħad. Id-diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi jirrappreżentaw wieħed mill-ostakli ewlenin għall-intraprendituri aspiranti; din kienet waħda mill-ideat ewlenin wara l-ħolqien tal-Mikrofinanzjament Progress. Ir-rapporti soċjali mill-2013 jikkonfermaw li, b'finanzjament suffiċjenti, l-intraprenditorija tista' tiffjorixxi u tista' tgħin lill-gruppi żvantaġġati jsibu mod kif joħroġu mill-qgħad. 60 % tal-individwi li kellhom dejta disponibbli kienu jew qiegħda jew inattivi fil-ħin tal-applikazzjoni tagħhom għal mikroself, li huwa ferm ogħla mit-32 % irrapportat fl-2012. Peress li ħafna drabi l-mikromutwatarji li jibbenefikaw mill-Mikrofinanzjament Progress ma jkollhomx aċċess għal forom oħra ta' finanzjament, huwa probabbli li mingħajr mikroself sponsorjat mill-Mikrofinanzjament Progress dawn kienu jibqgħu qiegħda. Madwar 38 % tal-benefiċjarji rreġistrati kienu qiegħda, kważi 2 % ma wiegħbux u l-bqija kienu qed jistudjaw.

Intraprendituri nisa

Aktar mis-36 % tal-intraprendituri rreġistrati huma nisa, kemmxejn inqas mid-39 % irrapportati s-sena li għaddiet. Tlieta mid-dsatax-il fornitur li kienu pprovdew id-dejta sad-data tar-rapportar irrapportaw proporzjon ogħla ta' self għal nisa milli għall-irġiel din is-sena. Dawn il-fornituri huma ż-żewġ banek Portugiżi, Millenium bcp (50.03 %) u Banco Espírito Santo (58 %), u Siauliu Bankas tal-Litwanja (67 %). Disa' fornituri oħra juru wkoll ilħiq tajjeb ta' klienti nisa, li jirrappreżentaw madwar 40 % tal-portafolji tagħhom.

L-intraprenditorija fiż-żgħożija u fl-anzjanità

Għalkemm il-maġġoranza ta' dawk li jieħdu self qegħdin fil-grupp prinċipali ta' etajiet ta' dawk bejn il-25-54 sena (84.4 %), id-dejta miġbura turi lil-Mikrofinanzjament Progress qed ikompli jaħdem ma' grupp sinifikanti ta' benefiċjarji finali taħt il-25 sena, b'5.9 % tal-benefiċjarji f'dan il-grupp ta' etajiet (meta mqabbla ma' 5.2 % is-sena ta' qabel). L-evalwazzjoni interim se jkun fiha analiżi aktar preċiża tal-etajiet.

L-appoġġ lill-minoranzi

L-informazzjoni dwar appoġġ lill-minoranzi għadha limitata, jew minħabba r-restrizzjonijiet legali jew minħabba s-sensittività tal-kwistjoni. Huwa mistenni li tinġabar aktar informazzjoni bħala parti mill-evalwazzjoni interim, li minbarra l-kwestjonarji se tuża intervisti individwali. Madanakollu, nafu li xi intermedjarji għandhom ilħiq sinifikanti tal-komunitajiet Roma, eż. Adie fi Franza u Mikrofond fil-Bulgarija.

L-isfond edukattiv

Il-mikromutwatarji li jagħmlu użu minn mikroself għandhom sfondi edukattivi varji, inklużi dawk bl-ebda edukazzjoni formali sa intraprendituri b'edukazzjoni universitarja. L-akbar

ammont ta' ħidma fuq l-ilħiq ta' dawk b'edukazzjoni primarja jew bl-ebda edukazzjoni formali sar miż-żewġ fornituri Franċiżi. Madanakollu, BCC Mediocrati u Millenium bcp għandhom l-oġhla proporzjon ta' benefiċjarji b'edukazzjoni post-sekondarja jew universitarja. L-akbar grupp ta' imprendituri, 42.89% skont id-dejta disponibbli, temmew l-edukazzjoni sekondarja.

Impatt sostenibbli

Għadd aktar baxx ta' garanziji msejħa rrapportati jissuġġerixxi li l-benefiċjarji finali huma aktar kapaċi jħallsu lura l-mikroselġ tagħhom. Dan jissuġġerixxi li jew ikunu komplew l-attivitajiet tan-negozju tagħhom jew li jkunu bdew attività b'paga. Stħarriġ li sar fost il-mikromutwatarji li sar bħala parti mill-evalwazzjoni interim sejipprovdni informazzjoni addizzjonali dwar l-istatus attwali tal-benefiċjarji finali.

3.2.2. Ammonti żgħar li jagħmlu impatt kbir


Il-mikroselġ huwa, skont id-definizzjoni tiegħu, limitat għal EUR 25 000. L-evalwazzjoni interim sabet li intermedjarju wieħed jaħseb li dan il-limitu huwa baxx wisq. Madankollu dan il-limitu, skont l-esperjenza mis-snin preċedenti, rari jintlaħaq.

30 % tal-mikroselġ appoġġat minn garanziji huma taħt il-EUR 5 000 u 40 % huma bejn il-EUR 5 000 u l-10 000. Huwa diffiċli li jiġi identifikat mudell ċar fid-daqs tagħhom. Pereżempju, istituzzjoni mhux bankarja MFI mill-Ewropa tal-Punent tista' tipprovdixi wħud mill-iżgħar mikroselġ (eż. Qredits). Is-sitwazzjoni hija simili ħafna għall-mikroselġ ipprovdut permezz ta' strumenti ffinanzjati. 70 % ta' dawn huma taħt l-EUR 10 000, b'51.3 % taħt il-EUR 5 000.

3.3. Id-distribuzzjoni settorjali u reġjonali tal-intraprendituri u l-mikrointrapriżi appoġġjati


Id-distribuzzjoni settorjali tal-mikrointrapriżi ffinanzjati

Id-distribuzzjoni settorjali tibqa' pjuttost simili għall-2012, b'aktar minn nofs il-benefiċjarji finali ġejjin mill-kummerċ (li rat żieda ta' 3 % mis-sena ta' qabel) u l-agrikoltura (l isfel b'7 %).



Id-distribuzzjoni reġjonali tal-mikrointrapriżi ffinanzjati

Il-mappa hawn taħt tindika l-ġhadd ta' benefiċjarji skont ir-reġjuni NUTS1 mit-30 ta' Settembru 2013, u turi l-kopertura ġeografika tajba tal-Mikrofinanzjament Progress. Jista' jkun li xi pajjiżi b'fornituri ta' mikrokreditu li ffirmaw kuntratt taħt il-Mikrofinanzjament Progress għadhom ma juru l-ebda benefiċjarju, minħabba li ġeneralment ikun hemm bżonn ta' xi flit taż-żmien bejn l-iffirmar tal-kuntratt u l-provvediment attwali ta' mikroself minn intermedjarju.



4. KOMPLEMENTARJETÀ U KOORDINAZZJONI MA' STRUMENTI OĦRAJN TAL-UNJONI EWROPEA

Sabiex jilħaq aĥjar lill-benefiċjarji finali u jkompli jiżviluppa s-suq tal-mikrofinanzjament fl-UE, il-Mikrofinanzjament Progress għandu l-għan li jgħid valur miżjud billi jiżgura koordinazzjoni effiċjenti u kumplementarjetà intelliġenti ma' strumenti oħrajn tal-UE.

Il-fornituri kollha tal-mikrokreditu huma meħtieġa jaħdmu ma' entitajiet li jipprovdu servizzi ta' taħriġ u ta' mentoring, b'mod partikolaridawk appoġġjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Skont ir-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni interim, madwar 50% tal-fornituri ta' mikrokreditu għamli dan. Il-Kummissjoni tifhem l-importanza ta' servizzi ta' żvilupp tan-negozju għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-mikrointrapriżi, b'mod partikolari dawk li għejjin minn gruppi żvantaġġati. Bħala riżultat ta' dan, qed tkompli titlob li l-FEI jinforza dan ir-rekwiżit ewlieni.

Il-Mikrofinanzjament Progress waħdu mhuwiex kapaċi jindirizza bis-sħiħ il-lakuna fis-suq identifikata mill-Istudju. Il-Kummissjoni qed tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ikunu aktar attivi u joffru skemi nazzjonali għal strumenti finanzjarji ta' mikrofinanzjament, b'mod partikolari billi jużaw ir-riżorsi tal-FSE tagħhom. Il-programm EaSI l-ġdid se jgħin inaqqas id-distakk. Il-programm għandu tliet assi: Progress; EURES; Progress; EURES; u l-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali. Taħt it-tielet assi, se jiġi allokati baġit ta' mill-inqas EUR 86 miljun għall-mikrofinanzjament, li jibni fuq l-attivitajiet tal-Mikrofinanzjament Progress u jizdedu oħrajn ġodda, bħal attivitajiet relatati mal-bini tal-kapaċità. Minbarra dan il-baġit, il-ħlasijiet lura mill-Mikrofinanzjament Progress se jintużaw għal appoġġ addizzjonali taħt it-tielet assi ta' EaSI. Dawn il-ħlasijiet lura huma mistennija mill-2018, mill-porzjon tal-baġit globali tal-istrumenti finanzjarji tal-Kummissjoni.

L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għall-fornituri ta' mikrokreditu, l-Azzjoni Konġunta għas-Sostenn tal-Istituzzjonijiet Mikrofinanzjarji fl-Ewropa (JASMINE), kellha rwol importanti fl-iżvilupp tas-suq bejn it-tnejn tagħha fl-2008 u l-aħħar tal-2013. Minħabba l-impatt pożittiv tal-inizjattiva fuq is-settur u l-kumplementarjetà tagħha mal-Mikrofinanzjament Progress, u b'mod konformi mat-talbiet tal-partijiet interessati għal aktar integrazzjoni tal-attivitajiet mikrofinanzjarji tal-Kummissjoni, fil-futur il-Kummissjoni se tiffinanzja din it-tip ta' attività taħt l-assi Progress tal-EaSI. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tespandi l-attivitajiet tagħha u tadattahom biex tgħin biex jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti fis-suq (eż. pariri legali, taħriġ imfassal apposta). Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tespandi l-attivitajiet tagħha u tadattahom biex tgħin biex jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti fis-suq (eż. pariri legali, taħriġ imfassal apposta).

5. KONKLUŻJONIJIET U PROSPETTI

Fl-2013, ġiet ikkonfermata l-aspettattiva li, wara domanda inizjali kajmana, se jkun hemm żieda kostanti fil-provvistata' mikroself lill-benefiċjarji finali. L-Istudju ikkonferma l-ħtieġa li titwessa' l-kopertura ġeografika tal-mikroself, u wera li mal-UE kollha hemm domanda sinifikanti għal mikroself li mhux qed tiġi ssodisfata. Dan ġie indirizzat billi fl-2013, l-attivitajiet tal-Mikrofinanzjament Progress ġew estenzi fi tliet Stati Membri ġodda (id-Danimarka, is-Slovakkja u r-Renju Unit) u tnejn oħra huma mistennija fl-2014 (l-Isvezja u l-Kroazja).

Il-garanziji wrew li huma strument estremament ta' suċċess għall-appoġġ tal-mikrofinanzjament, u l-baġit tagħhom mistenni li jintuża kollu sa tmiem l-2014. Meta

jinħarġu strumenti finanzjarji ġodda taħt l-EaSI 2014-20, se tingħata prijorità lill-ġhoti ta' garanziji lill-intermedjarji tal-mikrofinanzjament.

Ir-rappurtar soċjali jikkonferma li l-Mikrofinanzjament Progress żied l-attività ta' ilħiq tiegħu fir-rigward ta' gruppi żvantaġġati, u kellu impatt qawwi fuq il-ħolqien tax-xoġhol billi ffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-persuni qiegħda u għall-persuni ekonomikament inattivi.

Fl-2014, se tibda l-attività fit-tielet assi ta' EaSI. Il-lezzjonijiet mitgħallma mill-Mikrofinanzjament Progress tqiesu fid-disinn tal-istrumenti finanzjarji f'dan l-ass tal-programm u fid-deċiżjoni biex tingħata aktar attenzjoni lejn il-bini tal-kapaċità għall-fornituri ta' mikrokreditu. Taħt l-ewwel ass ta' EaSI se tiġi offruta wkoll aktar assistenza teknika.

Il-Mikrofinanzjament Progress se jkompli joffri l-prodotti tiegħu sal-2016, kif ippjanat, biex ikompli jiġi indirizzat id-distakk fil-finanzjament fis-suq tal-mikrofinanzjament tal-UE. Wara li jintemm il-Mikrofinanzjament għall-Progress, il-bilanċ dovut lill-UE se jintuża għall-mikrofinanzjament u għall-appoġġ tal-intrapriżi soċjali taħt EaSI.